**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 395/2016**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Kersten Camilleri**

**<u>Illum, il-5 ta' Marzu, 2024</u>**

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, **Kersten Camilleri** detentur tal-karta tal-identita' Maltija **353289M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar l-20 ta' Mejju, 2016 għall-ħabta tas-6.30 pm ġewwa Triq Villambrosa, Ħamrun, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Grech, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-istess Maria Grech, persuna li għalqet l-eta' ta' sittin sena, hekk skont kif iċċertifikat minn Dr. F. Dalli Badjadi (Med.Reg.No. 3358) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.

3. U aktar talli nhar id-29 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tas-5:40 pm ġewwa Triq Santu Rokku, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Cristina Attard, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

4. U aktar talli fl-istess ħin u data, lok u ċirkostanzi kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-istess Cristina Attard, persuna li għalqet l-eta' ta' sittin sena, hekk skont kif iċċertifikat minn Dr. K. Causon miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi;

5. U aktar talli nhar it-13 ta' Marzu, 2016, għall-ħabta tas-1:50 pm ġewwa Triq San Bastjan, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Irene Cassar, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

6. U aktar talli nhar il-25 ta' April, 2016, għall-ħabta ta' 11:45 am ġewwa Triq San Bastjan, Ħal Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana u pendent minn fuq il-persuna ta' Carmel Schembri, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

7. U aktar talli nhar is-27 ta' April, 2016, għall-ħabta tad-9:05 pm ġewwa Triq il-Merkanti, Valletta, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Carmela Zarb, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Ħin u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont

ta' elfejn tliet mija u disgħa għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37);

8. U aktar talli nhar it-28 ta' April, 2016, għall-ħabta tas-12:45 pm ġewwa Triq id-Duka ta' Edinburgh, Ħamrun, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Frances Bezzina, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

9. U aktar talli nhar it-30 ta' April, 2016, għall-ħabta tas-7 pm ġewwa Triq il-Ħelsien, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Antoinette Formosa, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

10. U aktar talli nhar it-08 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tal-4:50 pm ġewwa Triq Santu Rokku, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Catherine Borg, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

11. U aktar talli nhar it-8 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tal-5:15 pm ġewwa Vjal De La Cruz, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana u pendent minn fuq il-persuna ta' Maria Bonnici, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

12. U aktar talli nhar it-12 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tas-5:50 pm ġewwa Triq il-Vitorja, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' tlett pendenti

minn fuq il-persuna ta' Mary Pulo , persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena liema serq huwa kkwalifikat bil-Ħin u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

13. U aktar talli nhar it-12 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tas-5:50 pm ġewwa Triq il-Vitorja, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Mary Therese Grech, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena liema serq huwa kkwalifikat bil-Ħin u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċeteżmu (€2,329.37);

14. U aktar talli nhar il-15 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tat-8:15 pm ġewwa Triq il-Karmnu, Birkirkara, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana, liema serq sar għad-dannu ta' Concetta Cesare, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

15. U aktar talli nhar il-21 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tal-5:45 pm ġewwa Triq il-Kardinal Sciberras, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana u pendent minn fuq il-persuna ta' Rose Mary Calleja, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ;

16. U aktar talli nhar il-25 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tat-2:45 ġewwa Triq il-Ġdida, Qormi, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana u pendent minn fuq il-persuna ta' Mary Galea, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena,

liema serq huwa kkwalifikat bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

17. U aktar talli nhar it-28 ta' Mejju, 2016, għall-ħabta tad-8:50 pm ġewwa Trejqet Sant'Anna, Ħamrun, flimkien ma' persuni oħra kkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Emanuela Attard, persuna anzjana li għalqet l-eta' ta' sittin sena liema serq huwa kkwalifikat bil-Ħin u bil-Valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

18. U aktar talli nhar it-03 ta' Novembru, 2015, għall-ħabta tan-12:30pm ġewwa Qormi flimkien ma' persuni oħra ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Dolores Mallia;

19. U aktar talli fl-istess żmien xjentament laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

20. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi assoċja ruħu ma' persuni oħra bil-għan li jagħmel delitt ta' serq;

21. U aktar talli b'hekk ikkommetta delitt li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt perjodu operattiv tas-sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, liema sentenza ngħatat lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D. nhar il-1 ta' Marzu 2012 u estiża għal erba' snin oħra mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Mizzi LL.D. nhar it-08 ta' Novembru 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

22. Fl-aħħarnett, il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat appellat bħala reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-23 ta' Jannar, 2023, fejn fir-rigward l-akkużi enumerati 21 u 22 ugwalment jingħad illi l-prosekuzzjoni, għalkemm ippreżentat is-sentenzi relattivi ma ġabitx l-aħjar prova għal dan ir-rigward u ċioe' ma ressqet lil ħadd sabiex jikkonferma jekk dawn is-sentenzi kinux ġew *res gudicata* u għalhekk minħabba dan in-nuqqas ma sabitx lill-imputat appellat **Kersten Camilleri** ħati ta' dawn iż-żewġ akkużi kif dedotti kontrih stante li ma ġewx ippruvati oltre' d-dubju dettat mir-raġuni u kwindi illiberatu minnhom. Fir-rigward tal-akkużi l-oħra l-ewwel Qorti ddikjaratu mhux ħati tagħhom ukoll minħabba nuqqas ta' identifikazzjoni u illiberatu minn kull akkuża oħra.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Frar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- **Tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

- Illi b'kull dovut rispett lejn l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati l-appellant ma jaqbilx mal-kunsiderazzjonijiet tal-istess Qorti li fuqhom issejset id-deċizjoni li wasslet għall-liberatorja.

- Illi rigward l-ewwel kunsiderazzjoni illi ma tqabbadx espert tal-informatika u għaldaqstant ġiet prekluża l-awtenticita' tal-istess filmat tas-CCTV, l-appellant ma jistax ma jiġbidx l-attenzjoni tax-xhieda ta' PS 1147 Antoine Fenech li ppreżenta l-istess filmat bħala Dok JG19 a fol 20 u 21 u li dwar l-istess filmat ikkonferma kollox minn fejn inġabar u li sar it-teħid tal-istess filmat bħala xogħol ta' pulizija waqt il-mori tal-investigazzjoni.

- B'kull dovut rispett dan it-tip ta' xogħol investigattiv tal-Pulizija u ġbir ta' provi hija prassi legali anke aċċettata fi stadju ta' ġurijiet u għal din ir-raġuni l-esponent ma jaqbilx mal-Ewwel Onorabbli Qorti li skartat tali prova tal-filmat sempliċiment għar-raġuni illi ma nħatarx espert.

- Illi l-ġakketta l-blu tal-akkużat, li wara serqa minnhom kien neża l-istess ġakketta tgħaqqad mall-fatturi l-oħrajn li jpoġġu lill-akkużat f'dawn il-postijiet tar-reati u mhux bil-kontra kif ikkunsidrat l-Ewwel Onorabbli Qorti.

- L-istess argument jgħodd ukoll rigward it-tatwaġġ forma ta' salib.

- Iva diversi nies jista' jkollhom l-istess tatwaġġ, pero' meta jingħaqdu dawn il-fatturi kollha, l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tasal għall-konvinċiment ta' ħtija fil-każ odjern.

- Illi rigward ix-xhieda ta' Keith Micallef minn fol 493 sa fol 511, ossia l-kompliċi tal-akkużat, li kien xehed wara li l-każ tiegħu stess kien *res judicata*, kien iddikjarat bħala xhud ostili, pero' fil-mori tal-investigazzjonijiet mill-ewwel a *tempo vergine*, u dan minkejja li waqt il-kumpilazzjoni kien evidenti riluttanti li jixhed kontra l-appellat. *Nonostante ċio'* l-informazzjoni li huwa ta lill-Pulizija

dwar ir-reati *de quo* u l-involviment tiegħu u tal-appellat fl-istess hija kkorroborata mill-assjem tal-provi fl-atti proċesswali.

- Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti hemm esebiti.

- Rat il-fedina penali tal-appellat.

- Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell fis-seduta ta' ………

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju tagħha l-Avukat Ġenerali tistqarr li ma taqbilx mal-kunsiderazzjonijiet tal-istess Qorti li fuqhom issejset id-deċiżjoni li wasslet għall-liberatorja u dan għalhekk ifisser li l-Ewwel Qorti fil-fehma tal-Avukat Ġenerali għamlet apprezzament ħażin tal-fatti mressqa. F'dan ir-rigward għalhekk din il-Qorti tal-Appell trid teżamina bir-reqqa x-xhieda mismugħa quddiem l-Ewwel Qorti biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx korretta fid-deċiżjoni tagħha u ċioe' jekk il-ġudizzju tagħha kienx wieħed '*safe and satisfactory*.'

**<u>Spettur James Grech</u>**[1] xehed nhar it-3 ta' Awwissu, 2016 u jgħid li bejn April u Ġunju 2016 il-pulizija rċeviet numru ta' rapporti ta' serq ta' ġiżirajjen fejn is-suspettat għax kien hemm okkażjoni meta kienu tnejn kienu jgħaddu jiġru minn fejn anzjana liebsa xi ġiżirana u jiġbduhielha minn għonqa. Kien hemm żewġ każi minnhom fejn l-anzjani jispiċċaw mitfugħin mal-art sabiex tittieħdilhom il-ġiżirana tagħhom. Minn investigazzjoni li saret inġabru numru ta' filmati fejn juru persuna jew tnejn illi kienu involuti f'dan is-serq.

Waħda minn dawn il-persuni kienet ġiet identifikata bħala Keith Micallef. Dan kien ġie arrestat mill-Ispettur Kurt Zahra, interrogat u mressaq il-Qorti. Fl-istqarrija tiegħu dan Micallef apparti li ammetta s-serq kollu li fih kien involut semma wkoll ma' min kien qed jaghmel dawn is-serqiet u cioe' l-appellat Kersten Camilleri. Qal li ġabulu

---

[1] Fol. 17 tal-atti

numru ta' ritratti fejn juru dawn iż-żewġ persuni fejn Keith Micallef għaraf lilu nnifsu kif ukoll lill-appellat odjern.

Għalhekk il-pulizija talbet għal Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' Kersten Camilleri biex jiġi interrogat rigward sbatax-il serqa li fuqhom il-pulizija ħasset li għandha biżżejjed provi biex tkun tista' tkellmu. Huwa ppreżenta sbatax-il rapport li qegħdin wara xulxin dwar l-akkużi odjerni. Ippreżenta wkoll tmien (8) CCTV's illi magħhom għandhom ukoll l-istills maħruġin mis-sezzjoni tal-Forensika tal-pulizija. Kersten Camilleri ġie in segwitu arrestat nhar is-27 ta' Ġunju 2016 fejn irrilaxxja stqarrija ta' sitt faċċati u dan wara li ngħata d-drittijiet tiegħu. Waqt din l-istqarrija kien hemm xi referenza għal xi *stills* illi l-pulizija kellha fil-pussess tagħha. Għamlet referenza għal dawn l-istills u għal verżjoni ta' Keith Micallef fejn Keith Micallef indika fir-ritratt lilu stess kif ukoll lil Kersten Camilleri liema stills ġew annessi mal-istqarrija. Huwa ddikjara li dan hu l-istess Kersten Camilleri akkużat quddiem il-Qorti f'dawn il-proċeduri.

L-ispettur **Kurt Zahra** xehed nhar it-3 ta' Awwissu, 2016 u spjega li f'Marzu 2016 beda jinvestiga numru ta' serqiet flimkien mal-kollega tiegħu li saru ġewwa Bormla, il-Belt Valletta, Ħal Qormi, Hamrun, Marsa u Santa Venera. Kien qed jidħlilhom tlett serqiet minn fuq l-anzjani kuljum. Meta kien qed jinvestiga serqa partikolari nhar il-5 ta' Ġunju, 2016 ġie avviċinat mill-allura Spettur Robert Vella fejn kien qallu li l-pulizija min-naħa tal-Għassa tal-Ħamrun f'serqa minnhom kienu sabu ġakketta blu li din ġiet elevata u ġiet mgħoddija lilu. Sadanittant ġie infurmat b'mod diskret illi ċertu Kersten Camilleri u Keith Micallef aktarx kienu l-persuni li kienu qed jikkommettu dawn is-serqiet. Aktar minn hekk fid-29 ta' Mejju 2016 kienet seħħet serqa u l-filmat dwar din is-serqa kien imtella fuq il-facebook, fejn kien hemm persuna ġewwa Ħal-Qormi jiġbed ġiżirana minn fuq mara anzjana u dan tefagħha mal-art konsegwenza tal-ġbid tal-ġiżirana. Din il-persuna avviċinatu u qaltlu '*possibli ma gharaftux*' qallu '*min hu*'. Dan qallu li kien ra lil Keith Micallef u Kersten Camilleri fl-inħawi ta' Ħal-Qormi u kien avviċinahom hu stess u qalilhom '*ma jinteressanix x'intom taghmlu ara biss tmiss il-familja tieghi.*'

Fuq din l-informazzjoni beda jinvestiga u wara kkonferma li Keith Micallef u Kersten Camilleri huma ħbieb. It-tnejn li huma kellhom passat ta' serq bl-istess mod. Aktar minn hekk minn Facebook kien hemm ritratt ta' Kersten Camilleri bl-istess ġakketta jew inkella b'ġakketta li hija eżatt bħal dik li kienet ġiet elevata mill-pulizija tal-Għassa ta' Ħamrun nhar id-29 ta Mejju 2016. Dan ir-ritratt anke ġie kkonfermat li hija l-kuġina tiegħu Claire Pulis. B'dawn l-affarijiet f'idejh talab il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront ta' Kersten Camilleri u Keith Micallef. Huwa arresta lil Keith Micallef li ammetta miegħu li kien jagħmel dan is-serq kollu ma' Kersten Camilleri sabiex isostni l-vizzju ta' droga biex ikunu jistgħu jixtru d-droga. Qal li kienu jmorru josservaw l-anzjani, jimxu warajhom għal ftit ta' ħin u meta jsibu ċans wieħed joqgħod attent minħabba n-nies u l-ieħor jiġbed il-ġiżirana. Kienu jalternaw u jaqsmu dejjem il-qliegħ. Keith Micallef tressaq il-Qorti u ammetta l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu. Kersten Camilleri kien ġie arrestat mill-Belt Valletta għall-ħabta tad-9.20am minn PC 899 min-naħa tal-RIU u fit-28 ta' Lulju, 2016 kien tressaq il-Qorti. Ikkonferma li Keith Micallef kien semma lill-appellat u anke qallu li kien mill-Belt. Ir-ritratti juru kemm lil Keith Micallef kif ukoll lil Kersten Camilleri fihom.

Illi nhar is-6 ta' Mejju 2019 reġa xehed u muri l-istatement li ġie preżentat u markat bħala dok JGA jgħid li kien ta' Keith Micallef li kien investiga hu stess liema stqarrija ġiet rilaxxjata nhar l-14 ta' Ġunju 2016. Fl-istqarrija Keith kien qal li kien jagħmel is-serqiet mal-appellat u li ġieli kien jaqsam il-qliegħ u ġieli l-appellat kien jieħu sehem ikbar.

**Dr. Frances Dalli Badjani** xehdet nhar l-14 ta' Settembru, 2016 u kkonfermat li nhar it-23 ta' Mejju, 2016 eżaminat lil Mary Grech li marret fiċ-Ċentru tas-Saħħa, Floriana u sabitilha tbenġila ta' one-centimeter fuq in-naħa ta' wara tal-idejn fin-naħa t'isfel u żewġ tbenġiliet ta' tlett millimetri l-wieħed fuq in-naħa ta' wara tal-id tan-naħa tal-lemin. Hija taħdem bħala tabiba fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. Iddeskriviet li dawn il-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa. Hija esebiet iċ-ċertifikat mediku li ġie mmarkat bħala dok FD1 a fol. 106 tal-atti.

**Kristina Attard** xehdet nhar l-14 ta' Settembru, 2016 u kkonfermat li kienet għamlet rapport għand il-pulizija ta' San Bastjan ta' Ħal Qormi u dan għaliex kienet qed

tistenna l-vann biex toħrog naqra u mar fuqha raġel għall-għarrieda u ħatfilha waħda mill-ġiżirajjen li kellha madwar għonqha. Mistoqsija ddur fl-awla u tara jekk taghrafx lil xi ħadd tgħid li le ma hi qed tagħraf lil ħadd. L-aggresur tagħha kellu ġilda skura, kien liebes xi flokk blu. Tgħid li ser tagħlaq tnejn u tmenin (82) sena. Tgħid li ħatfilha waħda mill-ġizirajjen li għandha valur ta' iktar minn LM100. Tgħid li taħseb li kienet xtratha għal LM500. Konsegwenza ta' dan waqqagħha mal-art u ġabruha n-nies. Marret il-polyclinic minħabba l-ġrieħi li sofriet.

**Dr. Mark Causon** xehed nhar it-18 ta' Ottubru, 2016 u kkonferma li jeżerċita l-professjoni tiegħu ta' tabib ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi u mistoqsi jekk jagħrafx xi persuna li kienet fuq l-ewwel bank tal-Qorti jgħid li le ma jagħraf lil ħadd.

**Irene Cassar** xehdet nhar it-18 ta' Ottubru 2016 u spjegat li kienet għamlet rapport għand il-pulizija għaliex waqt li kienet qed tistenna l-minibus biex tmur tilgħab it-tombla ġrew żewġ min-nies warajha u ma għarfithomx, serqulha l-ġiżirana u weġġawlha jdejha. Qalet li l-ġiżirana kienet waħda antika u għalhekk ma tafx il-valur tagħha. Mistoqsija jekk tagħrafx lil xi ħadd twieġeb fin-negattiv. Dan seħħ f'Marzu 2016 għall-ħabta tas-2.00pm fejn tal-Pastizzi ta' San Ġorg, Qormi. Bħala eta' tgħid li għandha sebgħa u ħamsin sena (57).

**Carmela Zarb** xehdet nhar id-29 ta' Novembru 2016 u spjegat li kienet nieżla Strada San Paolo fl-istess triq fejn tgħix. Rat persuna li kien ġja seraqha fil-passat u għalhekk waqt li kienet fil-café u inzerta li kellha xi dehbijiet fuqha neżgħethom u poġġiethom fil-handbag. Appena waslet ftit metri 'l bogħod minn darha ħatfilha l-basket u telaq jiġri bid-deheb ġo fih. Bħala deheb kellha lazz twil, katina tal-ġummiema, flus ġol-portmoni (€40), ID card u mobajl. Waħda mill-ġizirajjen tiswa 'l fuq minn €700 u l-oħra ma tafx il-valur għaliex kienu tawhielha wliedha għall-birthday f'Marzu u l-każ sar f'Mejju. Il-basket kienet xtratu minn Għawdex għall-prezz ta' €39. Qalet li serquha darbtejn waħda minnhom kien jum is-Sibt fix-xahar ta' Mejju 2016 u ta' qabel kien f'nofs il-ġimgħa. Meta seħħ l-inċident tas-Sibt kien id-dlam, ħadd ma kien hemm fit-triq. In-numru tal-karta tal-identita' tagħha hu 256836(M) u meta ġara l-każ kellha tmenin sena (80). Il-lazz kienet wirtitu mingħand ommha. Il-mowbajl phone tagħha

xtratu mingħand il-Vodafone, kien irħis ħafna iżda għaliha kien imprezzabli għaliex kienet taf tużah. Nefqet inqas minn €100.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Novembru 2012 kontra Kersten Camilleri.

**Carmen Schembri** xehdet nhar it-8 ta' Frar 2017 u kkonfermat li nhar il-25 ta' April 2016 kienu serqulha l-ġiżirana tagħha. Tgħid li l-aggressur tagħha kien mar minn wara u ma ratlux wiċċu. Meta daret rat raġel jiġri iżda ma tistax tagħrfu. Hija ma tarax mill-bogħod. Tispjega li kienet dieħla fil-ħanut Needles & Pins Ħal Qormi. Il-ġiżirana kienet tad-deheb bil-fosos ħomor. Kienet xtratha xi 28 sena qabel għall-prezz ta' LM80.

**Maria Grech** xehdet nhar it-8 ta' Frar 2017 u tgħid li fl-20 ta' Mejju 2016 kienet miexja sejra tixtri minn Triq Villambrosa, Ħamrun u għall-ħabta tas-18.20 pm kien għadu d-dawl ħasset bniedem li messilha spallitha u ħadilha l-ġiżirana u telaq jiġri. Dak il-ħin iġġammjat. Il-ġiżirana kienet tad-deheb u kienet xtratha LM60 u kienet ilha għandha għal aktar minn għoxrin sena. Wara marret fil-polyclinic u ġiet invistata minn tabib minħabba l-feriti li kellha. Tgħid li l-aggressur tagħha kien bjond, kien liebes T-shirt abjad u ġakketta griża bil-hood f'rasu. Wiċċu ma ratux.

**Catherine Borg** xehdet nhar il-11 ta' Lulju 2017 u tghid li kienet fi Triq San Rokku, Ħal Qormi qed tiftaħ il-grada biex tidħol fl-16.00 pm u kien hemm bniedem li ħatafha minn għonqha u ħadilha l-barbazzall u telaq jiġri 'l hemm. Tgħid li l-aggressur kien twil, irqiq u ismar. Kien liebes imħarbat, jeans u qmis ċelesti u ma setghetx tagħrfu. Mistoqsija jekk kinitx ratu qabel l-akkadut tgħid li le. Tgħid li apparti li ħadilha l-ġiżirana tal-barbazzall ħadilha żewġ domni tad-deheb ta' missierha u ta' nannitha u oħra tal-Madonna u telaq jiġri. Il-barbazzal kien jiswa elf lira Maltin (LM1,000) waqt li d-domni xtrathom LM70 'il -waħda.

**Antoinette Formosa** xehdet nhar il-11 ta' Lulju 2017 u tgħid li kienet ġiet aggredita minn żewġ żagħżagħ pero' wiċċhom ma rathomx u għalhekk ma hix f'pożizzjoni li tagħraf lil ħadd. Tispjega li kien għall-ħabta ta' April u kienet tielgħa Triq il-Ħelsien sejra għand it-tifla tagħha. Kellha raġel quddiemha xi erba' passi u fil-pront marru

fuqha żewġt irġiel wieħed minnhom qaċċtilha l-ġiżirana u ħadulha biċċa. Kienet ma żewġha u dan kien ser imur jiġri warajhom iżda ma ħallitux. Is-serqa saret fi Triq il-Ħelsien, il-Marsa. Kienet ilha għandha iktar minn għoxrin (20) sena u kienet qalatha rigal mingħand ir-raġel. Kienet tiswa Lm250. Dan l-inċident seħħ f'April, 2016 filgħaxija. Tgħid li kienu żewġ aggressuri. Kienu bil-*hood* u ġakketta. Dak il-ħin fit-triq ma kien hemm ħadd.

**Frances Bezzina** xehdet nhar il-11 ta' Lulju 2017 u mistoqsija jekk tafx lill-akkużat tgħid li ma tafux. Tispjega li nhar it-28 ta' April 2016 kienet tielgħa t-Triq Duke of Edinburgh, Ħamrun bix-xirja u rat xi ħadd minn wara u ġibdilha l-ġiżirana li kellha bid-domni. Hija ma setgħetx tiddefendi lilha nnifisha għaliex idejha kienu bl-affarijiet tax-xirja. Ma ratx wiċċ l-aggressur għax kien mgħotti bil-ġaketta bil-hood u mar minn wara u mhux mill-faċċata. Kien hemm aggressur wieħed u l-inċident seħħ għall-ħabta tas-12.45 pm. Il-valur tal-ġiżirana hu ta' €350 għax magħha kellha żewg domni.

**Maria Bonnici** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu 2017 u spjegat li kienet telgħet it-taraġ tal-flat fi Vjal De La Cruz, Qormi u kif ser tiftah il-letterbox kellha l-portmoni u kienet ser tiftaħ biċ-ċavetta u mar raġel u ġibdilha l-ġiżirana minn ma' għonqha u ħarab 'l hemm. Ma rat xejn ħlief wiċċu b'barnuża. Taf li l-akkadut seħħ f'Mejju 2016 iżda l-ġurnata nsietha. Il-ġiżirana kellha domna ta' San Piu magħha iżda wara jumejn sabet id-domna fil-basket u għalhekk naqset biss il-ġiżirana. Tgħid li kienet tiswa xi €60. Kienet ilha li xtratha xi sitt snin u xratha għall-prezz ta' €40.

**Mary Pulo** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu 2017 u tikkonferma li kienet għamlet rapport dwar serqa li seħħet f'Victory Street, Qormi. Dak il-ħin kienet miexja bil-bastun u bil-carrier bag u mar raġel u ħatfilha l-ġiżirana. Dan kellu hood u telaq jiġri. Dan seħħ f'Mejju 2016. Qalet li ma hix f'pożizzjoni li tagħraf l-aggressur tagħha għax ma kinitx rat wiċċu. Hija kien għad fadlilha parti mill-ġiżirana u wrietha lill-Qorti. Kienet xtratha għall-prezz ta' aktar minn LM100 iżda inqas minn LM1000.

**Maria Theresa Grech** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu 2017 u tgħid li kienet nieżla d-dar fi Triq St. Fredrick il-Belt, Valletta u ma rat lil ħadd warajha. Iżda ftit tal-ħin wara semgħet passi warajha u rat raġel jiġri lejha u jgħidilha *'sinjura sinjura'* kif daret ħatfilha l-ġiżirana u qatalgħa biċċa minnha tant li baqgħalha biċċa minnha u telaq jiġri.

Din kienet ġiżirana tad-deheb u xtratha LM100. Din is-serqa seħħet bejn Mejju u Ġunju 2016 f'xi ħin filgħaxija. Mistoqsija jekk tagħrafx lill-akkużat tgħid li le għaliex kollox seħħ 'fi split second'.

**Maria Dolores Calleja** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu 2017 u tgħid li kienet sejra l-knisja mat-tifla għall-ħabta tal-4.30 p.m. Hija fuq quddiem u bintha warajha u semgħetha twerżaq u kif tħares lura rat wieħed jiġri bil-barnuża u bil-ġakketta ġo rasu u t-tifla qaltilha 'x'ġara?' għax it-tifla Awstraljana u bi bżonnijiet speċjali u din qaltilha 'Mum one man ġibidli l-ġiżirana '*from the back*'. Din kellha miktuba Rose fuqha. Kienet ġiżirana tad-deheb u xtratha xi tmien snin ilu għall-prezz ta' aktar min LM100. L-akkadut seħħ fit-22 ta' Mejju 2016.

**Mary Galea** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu, 2017 u tikkonferma li kienet għamlet rapport għand il-pulizija u spjegat li kienet tiela' mat-tifla l-iskola u kif waslet qisha 20 pass minn fejn toqgħod mar xi ħadd u ġibdilha l-ġiżirana u għamlilha għonqha aħmar. Sakemm daret rat lil xi ħadd liebes hood u dan dar il-kantuniera. Kien hemm wieħed qed jistennieh taħt il-Kunsill u ma taf xejn iktar. Kien hemm mara li qaltlu li l-aggressur kellu salib u kien ilu jsegwiha. Is-salib huwa tattoo u jinsab fuq għonqu. Qaltilha li kien ilu jsegwiha mid-dar sal-iskola u lura. Din il-mara hija Josephine Spiteri. Qalet li dan l-inċident werwriet lit-tifla ta' bintha ta' sitt snin. Dan seħħ f'San Bastjan Ħal Qormi fis-2.30p.m. Kien jum il-Ħamis fix-xahar ta' Mejju 2016. Il-ġiżirana kienet maħduma ħolqa ħolqa f'xulxin tad-deheb. Kienet xtratha għall-prezz ta' LM90. Mal-ġiżirana kellha wkoll ċurkett tar-raġel li kien oħxon u domna ta' Padre Pio u dawn ittieħdu wkoll mal-ġizirana. Valur taċ-ċurket ma kellhiex.

**Emanuela sive Lily Attard** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu 2017 u tikkonferma li kienet għamlet rapport għand il-pulizija dwar serqa. Tgħid li kienet nieżla Strada Irjali, Ħamrun flimkien ma' mara oħra Carmen Mangion u kif waslu ġol-isqaq fejn toqgħod bid-dar qas imxiet erba' passi u mar raġel fuqha minn wara, poġġiha wiċċha mal-ħajt u dam jigbed sakemm qatgħalha l-ġiżirana. Tgħid li ma setgħetx iddur. Wara telaq jiġri, kien liebes ġakketta blu imbagħad mar jiġri, neża l-ġakketta għax ratha l-Għassa. Kienet blu u kienet bl-iskufja. Kien liebes flip flops u ħallih ukoll ġo l-isqaq. Imbagħad ħadithom l-Għassa. Kellha tmur ukoll il-polyclinic għax kienet instelhitilha jdejha. Iż-

żewġ ġiżirajjen li ħadilha jammontaw għal LM800 u kienu ilhom għandha 20 sena. Kellha choker u ġiżirana. Tgħid li LM il-waħda. Dan kien f'Ġunju 2016 għall-ħabta tat-8.30 p.m fejn Daniels tal-Ħamrun. Hija ma ratx wiċċu u għalhekk ma setgħetx tagħrfu. Imbagħad bdiet tibki u tgħajjat u waqgħet mal-art u dan telaq jiġri u inzerta ma kien hemm ħadd.

**Carmela Maria Mangion** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu 2017 u spjegat li kienet marret tisma l-quddies ma' ġara tagħha Emanuela sive Lily Attard u kienu nieżlin trejqa Sant' Anna, Ħamrun u raw persuna faċċata tagħhom qed taparsi jagħmel l-awrina u persuna oħa marret wara Lily qabdilha l-ġiżirajjen b'saħħtu kollha biex jaqtagħhomlha. Tgħid li kellha tnejn. Lilha tefagħha n-naħa l-oħra tant li spiċċat il-clinic. Tgħid li ma tistax tagħraf l-aggressur għaliex mar minn wara. Taf li kien liebes ġakketta blu bil-hood u shorts u mbaghad neżagħha u telaq jiġri. Tgħid li dak il-ħin neża l-ġaketta u l-karkur u dawn spiċċaw l-Għassa. Tgħid li dan l-inċident seħħ f'Mejju 2016 f'xi ħin filgħaxija. Tiddeskrivi l-aggresur tagħha bħala daqsxejn qawwi imma mhux twil.

**Josephine Magri** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu 2017 u tgħid li f'Novembru 2016 kienet miexja Ħal Qormi u mar raġel minn warajha u ħatfilha l-ġiżirana li ma kinitx tad-deheb. Mistoqsija jekk taghrafx l-aggressur tagħha tgħid li le. Murija r-ritratt a fol. 88 tgħid li ma tagħrafx il-persuna hemm indikata. Tgħid li qatt ma kienet ratha qabel. Mistoqsija tara jekk tagħrafx xi ħadd fl-awla tgħid li ma tagħraf lil ħadd.

**PS 1240 Joseph Camilleri** xehed nhar il-11 ta' Diċembru 2017 u muri r-rapport okkorrenza a fol. 62 jikkonfermah fl-intier tiegħu. Jgħid li dan huwa rapport dwar meta nsterqet ġiżirana minn fuq il-persuna ta' mara anzjana. Flimkien mal-ġiżirana l-vittma kellha domna u ċurkett tat-tieġ ta' żewġha. Huwa kien ġabar il-footage mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi u minnha ħareġ erba' ritratti. Id-downloads għamluh il-pulizija tal-Forensika. Muri fol. 83 tal-atti jgħid li dawn huma r-ritratti li ttieħdu mill-camera fejn fiha tidher vettura x'aktarx Toyota Corolla ta' kulur blu. Dawn ir-ritratti ġew markati bħala Dok JC1.

Apparti dan ir-rapport jgħid li kellu rapport ieħor datat 25 ta' Mejju, 2016 għall-ħabta tas-2.30 pm meħud fl-Għassa ta' Ħal Qormi magħmula minn RoseMarie Calleja

flimkien ma' Doris Calleja. Qal li Rosemarie tbati minn xi diżabilita' mentali u stqarret li waqt li kienet mixja fi Triq il Kardinal Sciberras, Qormi avviċinaha persuna minn wara u ħatfilha l-ġiżirana li kellha ma' għonqa. Din il-ġiżirana kienet ta' kulur id-deheb u kellha pendent magħha bl-isem Rosemarie. Il-vittmi ma setgħux ituh deskrizzjoni tal-aggressur u lanqas ma setgħu jidentifikawh. X'aktarx li l-persuna ħarbet b'karozza tal-għamla Daewoo ta' kulur aħmar, liema vettura kienet qed tistennieh ħdejn il-latrina pubblika li hemm fil-pjazza ta' Ħal Qormi. Dan huwa r-rapport li jinsab esebit a fol. 57 tal-atti.

**Josephine Spiteri** xehdet nhar il-11 ta' Diċembru, 2017 u qalet li tiftakar li kien jum l-Erbgħa għall-ħabta tas-2.30 pm / 2.45 pm. Kienet iltaqgħet ma' persuna li kienet rat kemm-il darba f'dik l-istess ġurnata fejn l-iskola u meta marret tixtri u dejjem issuspettat ħażin. Marret fejn id-dar u qagħdet titkellem ma' wieħed tal-banka u f'daqqa u l-ħin semgħet lil Mary Galea twerżaq. Rat lil din l-istess persuna tiġri għal nofs it-triq għal fejn karozza bajda tal-għamla Toyota Corolla u ratu jirkeb ġo fiha. Taf li seraq il-ġiżirana li kienet liebsa s-Sinjura Spiteri madwar għonqha. Mistoqsija jekk ratux jiġbidha tgħid li ratu. Dan kollu seħħ fi Triq il-Ġdida, Ħal Qormi. Mistoqsija tara jekk tagħrafx lil din il-persuna tgħid li kienet twila u kellha tattoo f'għonqha ta' salib wara widnejh. Mistoqsija jekk tagħrafx lil din il-persuna fl-awla tgħid li le. Murija d-dok JC1 tgħid li din hija t-triq fejn toqgħod. Wara li rat ir-ritratt tgħid li jista' jkun li kellha żball fir-rigward tal-kulur tal-vettura. Mistoqsija għaliex qabel qalet li l-kulur kien blu tgħid li ma tiftakarx.

**PS 1482 Ronald Spiteri** xehed nhar il-11 ta' Diċembru 2017 jikkonferma li fid-29 ta' Mejju 2016 kien daħal rapport li kien hemm anzjana li ġiet aggredita u misruqa. Huma marru u fuq il-post sabuha fit-triq u qaltilhom li kien avviċinaha persuna u għall-ewwel ma għarfitux. Kien ismar. Din il-persuna li jisimha Christina Attard ħatfilha l-ġiżirana u telaq jiġri. L-anzjana kienet taħt xokk qawwi. Muri r-rapport a fol. 24 tal-proċess jikkonferma li dan hu r-rapport tiegħu dwar l-akkadut.

**WPC 145 Graziella Zammit** xehdet nhar il-11 ta' Diċembru 2017 u qalet li nhar l-1 ta' Ġunju, 2016 kienet ġiet infurmata li kien hemm rapport dwar serq ta' ġojjellerija minn

fuq il-persuna ta' anzjana. Tgħid li dak iż-żmien kienet stazzjonata l-Għassa tal-pulizija tal-Ħamrun u taf li kienu qed jidħlu ħafna rapporti simili. Kienet akkompanjat lil Maria Grech fiċ-Ċentru tas-Saħħa sabiex tiġi invistata minn tabib minħabba xi ġrieħi li kellha u li ġew kaġunati mill-aggressur tagħha meta mar biex jisirqilha l-ġojjellerija tagħha. Murija r-rapport esebit fl-atti a fol. 21 tikkonferma l-kontenut tiegħu.

**PC 169 Jurgen Schembri** xehed nhar il-11 ta' Diċembru 2016 u qal li ġie mistoqsi jixhed fuq update dwar rapport li sar fit-28 ta' April 2018. Jgħid li nhar it-3 ta' Mejju 2016 kien għamel kuntatt mal-Kunsill Lokali tal-Ħamrun fejn min-naħa tagħhom stqarrew li s-CCTV tal-Kunsill jieħu ħsiebu ċertu Salvu Mifsud iżda ma kienx jaf jagħmel downloads u għalhekk kienu marru l-pulizija biex jagħmlu download relattiva ta' footage. Muri l-update li sar fuq r-rapport esebit a fol. 37 tal-atti jikkonferma li dak sar minnu.

**PS 609 James Magro** xehed nhar il-11 ta' Diċembru 2017 u kkonferma li nhar il-15 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tat-8.30 pm daħlu żewġ anzjani l-Għassa u waħda minnhom stqarret li kien hemm żewġ persuni fejn wieħed minnhom ġibdilha l-ġiżirana minn ma' għonqha. Dak il-ħin spjegatilhom x'kien ġara u ma ġarax. Marru fuq il-post magħha fejn spjegatlu li kienet ħarġet minn ħanut fi Triq Anici, B'Kara għall-ħabta tat-8.15 pm u bdew miexjin lejn Naxxar Road fejn imbagħad qasmu għal Triq Briered u daħlu fi Triq Karmnu fejn hemmhekk dawn iż-żewġ persuni kienu mxew warajhom. Waqt li kienu fi Triq Karmnu ġibdulhom il-ġiżirana minn fuq għonq waħda minnhom. Qalu li ħadd ma sofra xi ġriehi u din il-ġiżirana kienet tiswa madwar €500 u €700. Iddeskrivew l-aggressuri tagħhom bħala somor, wieħed minnhom kien liebes ġakketta blu u l-ieħor ġakketta bajda. Pero' deskrizzjoni dwar il-wiċċ jew tul ma setgħux jagħtu.

Mar jara kienx hemm xi filmati ġewwa ħanut fi Triq Anici. PS Andrew St John kien qallu li kien ser imur hemm l-għada u jiġbor il-filmati. Mistoqsi jekk rax il-filmat jgħid li le. Muri r-rapport esebit fl-atti a fol. 53 tal-proċess jikkonferma li dak hu r-rapport li xehed dwaru.

**WPS 41 Elaine Rizzo** xehdet nhar it-12 ta' Marzu 2018 tgħid li fit-28 ta' Mejju 2016 irċeviet telefonata l-Għassa tal-pulizija tal-Ħamrun fejn persuna li xtaqet iżżomm ruħha anonima kienet qaltilha li kien hemm żewġ anzjani li talbu l-assistenza tal-pulizija. Hija bagħtet lil PS 163 Robert Azzopardi u min-naħa tiegħu kien investiga dan il-każ. Hija ma daħlitx fl-investigazzjoni tar-rapport. Ir-rapport jinsab esebit a fol. 66 tal-atti tal-proċess. Tgħid li kien PS 163 Robert Azzopardi li kien daħal bil-ġakketta blu u ż-żarbun iżda ma tafx x'kien għamel bihom.

**PS 1147 Antoine Fenech** xehed nhar it-23 ta' April 2018 u muri d-dokumenti li ġew estratti minn fol. 74 tal-proċess jgħid illi Dok JG 19 huwa affiljat mar-rapport tal-pulizija 2C1254 2016. Għaraf DVD tal-filmat kif ukoll *stills* estatti minn ġol-filmat. L-erba' ritratti ġew estratti mill-istess filmat. Dan il-filmat ġie downlowdjat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Muri dok JG 22 jgħid li dan hu affiljat mar-rapport tal 2C 1114 2016. Dan ġie downloaded mil-Lombard Bank, Triq San Bastjan kantuniera ma' Triq Rokku, Qormi bid-data 8 ta' Mejju 2016. Għaraf is-CD tal-filmat kif ukoll id-disa' stills li ġew estratti mill-filmat.

Jgħid li Dok JF 17 huwa affiljat mar-rapport tal-pulizija 2C2671 li ġie ffilmjat u miġbur minn Curmi Bros Transport, Triq George Borg, Qormi nhar it-3 ta' Novembru 2016. Għaraf id-DVD tal-filmat kif ukoll l-erbatax-il still li ġew maħruġa mill-filmat.

Id-dok JG 24 huwa affiljat mar-rapport tal-pulizija 2C1220 2016 li huwa filmat mill-Piazza Maemple, Qormi datat 21 ta' Mejju 2016. Għaraf il-filmat fuq żewġ DVDs kif ukoll l-estratti tal-erbatax-il ritratt.

Id-dok JG23 huwa affiljat mar-rapport tal-pulizija 7P1980 2016 li huwa filmat mil-latrina pubblika ta' Triq id-Duka ta' Edinburgh, Ħamrun datat 28 ta' April 2016. Għaraf is-CD tal-filmat kif ukoll għaraf it-tminn stills li ġew maħruġa mill-filmat.

ID-dok JG 18 huwa affiljat mar-rapport 8R1725 2016 li huwa filmat li ġie estratt minn Pinky u Raki Footwear, Naxxar Road B'Kara nhar il-15 ta' Mejju 2016. Għaraf l-għaxar ritratti li ġew estratti mill-filmat kif ukoll il-filmat li qiegħed fuq CD.

Id-dok JG 20 huwa affiljat mar-rapport 7P2449 2016 liema filmat ġie estratt minn GasanMamo Insurance li jinsab fi Triq San Ġużepp, Ħamrun datat 28 ta' Mejju 2016 kif l-istills maħruġa mill-filmat konsistenti f'żewg stills.

Id -dok JG21 huwa affiljat mar-rapport tal-pulizija 2C1295 2016. Għaraf is-CD bl-istess rapport number kif ukoll l-istills ritratti li huma erbgħa.

Ikkonferma li dak kollu li hemm fid-Dokument a fol. 74 hu xogħol li sar mis-sezzjoni **tas-CCTV.**

**Spettur Joseph Mercieca** xehed nhar it-23 ta' April 2018 u ppreżenta tlett sentenzi li ngħataw fil-konfront tal-imputat Kersten Camilleri. Waħda mogħtija mill-allura Maġistrat Dr. Antonio Mizzi nhar it-8 ta' Novembru 2012 li ġiet immarkata bħala dok JM. Sentenza oħra mogħtija mill-Maġistrat Marseann Farrugia nhar l-20 ta' Jannar 2013 li ġiet immarkata bħala dok JM 2. It-tielet sentenza mogħtija mill-allura Maġistrat Dr. Audrey Demicoli nhar l-1 ta' Marzu 2012. F'dan il-każ aħħari kien l-uffiċċjal prosekutur flimkien mal-Ispettur Jurgen Vella. Għaraf lill-appellant Kersten Camilleri preżenti fl-awla bħala l-istess persuna kontra min ingħatat din is-sentenza. Dan id-dokument ġie markat bħala dok JM 3.

**PC804 Leonard Formosa** xehed nhar l-4 ta' Ġunju 2018 u stqarr li fit-28 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tad-8.45 pm kien għadu stazzjonat l-Għassa tal-Ħamrun fejn daħlet telefonata minn persuna li baqgħet anonima fejn qaltilhom li kien hemm żewg anzjani u talbu l-assistenza tagħhom. Huwa flimkien ma' kollegi oħra li kien hemm miegħu dakinhar l-Għassa marru fuq il-post fejn sabu żewg anzjani li waħda minnhom qaltilhom li kien hemm xi persuna li ħatfilha l-ġiżirana li kellha ma' għonqa u telaq jiġri fi Trejqet Sant Anna, il-Ħamrun u qaltilhom ukoll li kellu xi ħwejjeġ xi ġakketta u żarbun, neżagħhom minn fuqu u ħallihom hemmhekk fit-triq. Huma daru mat-triq u sabu din il-ġakketta, ġabarha flimkien ma' karkur u ħadhom l-Għassa u wara għaddiehom lis-Sur Robert Vella. Il-karkur kien flipflop abjad u l-ġakketta kienet qisha blu, royal blu pero' jekk kienx skur jew ċar ma tistax tgħid. Jgħid li l-Ispettur Robert Vella kompla jinvestiga l-każ.

**Spettur James Gech** xehed nhar is-16 ta' Lulju 2018 ippreżenta evidence bag li fiha kien hemm envelop li ġo fih hemm ġakketta blu li ġiet elevata minn PC 804 fit-28 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tad-9.30 pm minn ġewwa l-Ħamrun. Din kienet ingħatat lill-Ispettur Robert Vella u huwa kien ġabarha mingħandu. Din kienet issiġillata ai fini ta' preservazzjoni ta' DNA. Għaraf ir-ritratt tagħha li hu markat bħala dok JGXA[2] u l-borża JGX. Ir-ritratt ġie meħud minnu. Ippreżenta wkoll iċ-ċertifikat li ħareġ minn Dr. Causon lill-vittma Christine Attard li ġie markat bħala dok JG 26[3].

Illi nhar is-6 ta' Mejju 2019 ippreżenta sentenza oħra mogħtija mill-allura Maġistrat Dr. Anthony Vella nhar il-15 ta' Ġunju 2016 li ġiet markata bħala dok JGA[4].

**Dr. Karl Causon** xehed nhar it-8 ta' Ottubru 2018 u muri d-dokument esebit fl-atti u markat bħala dok JG 26 a fol. 431 tal-atti jgħid li dan hu ċ-ċertifikat maħruġ minnu fuq Christina Attard nhar it-2 ta' Ġunju 2016. Jidher li kellha diversi tbenġil fuq idejha u tbenġil ieħor fuq il-parti ta' fuq tas-sider.

Rat id-digriet mogħti mill-ewwel Qorti nhar is-16 ta' Lulju 2018 fejn innominat lil Keith Cutajar sabiex jieħu ritratt tat-tatwaġġ li l-appellat għandu fuq għonqu seduta stante. Nhar il-11 ta' Frar 2019 l-**espert Keith Cutajr** xehed u ppreżenta rapport li fih numru ta' ritratti tat-tatwaġġ ta' Kersten Camilleri mad-dawra tal-għonq tiegħu fejn wieħed partikolari taħt il-widna għandu forma ta' salib u fuq in-naħa l-oħra tal-wiċċ mal-widna hemm forma ta' djamant. Inkluda wkoll DVD.

Illi nhar is-6 ta' Mejju 2019 xehed **Keith Micallef** u dan ġie dikjarat mill-prosekuzzjoni bħala xhud ostili seduta stante. Il-prosekuzzjoni ghalhekk ippreżentat l-istatement tiegħu li ġie markat bħala dok JGA a fol. 475 meħud a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar l-14 ta' Ġunju 2016 u dan wara li ngħata d-drittijiet kollha tiegħu skont il-liġi. Jgħid li kien involut fis-serq riċentement qabel ma rrilaxja l-istqarrija tiegħu u dan fl-inħawi tal-Belt Valletta, B'Kara u Ħal Qormi. Qal li kien jmur wara n-nies u kif jiġih iċ-ċans jieħu l-ġiżirana. L-iktar li kien iseħħ kien il-Belt. Qal li kienu jmorru bil-mixi u b'tal-linja. Ġieli kienu jmorru b'karozza privata billi kien

[2] Fol. 432 tal-atti
[3] Fol. 431 tal-atti
[4] Fol. 479 tal-atti

iwassalhom xi ħadd hemmhekk. Kienu jkunu tnejn, hu flimkien ma' Kersten Camilleri mill-Belt. Muri ritratt ta' Kersten Camilleri jgħid li huwa l-istess persuna ma' min kien imur jisraq. Muri ritratt ieħor b'żewġ persuni fih meħud b'CCTV camera ġewwa B'Kara jgħid li fih jidhru hu u Kersten. Dakinhar jgħid li kienu qed jistennew żewġ xjuħ joħorgu minn ħanut biex joħdulhom il-ġiżirana tagħhom.

Jikkonferma li nhar il-15 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tat-8.10 pm fi Triq il-Karmnu flimkien ma' Kersten Camilleri kkommettew serq ta' ġiżirana minn fuq mara anzjana. Kienet waħda twila u kellha pendent bir-ritratt ta' mara u raġel. Kienu jmorru wara l-anzjani għaliex dawk ma jiġrux warajhom. Kienu jkunu tnejn biex ikunu jistgħu jaqbżu għal xulxin. Qal li kienu jbiegħu d-deheb għand Zampa u għand Debono u kienu jmorru ta' spiss. F'xahar marru xi għaxar jew ħdax-il darba. Fl-aħħar qallu li ma jridx jixtri iktar għax induna li kien deheb misruq. Qal li kienu jmorru kuljum biex jisirqu u ġieli kienet tirnexxi u ġieli le. Huwa mar f'April u Mejju u ġieli Marzu 2016. Jgħid li jonfoq kuljum €50 fuq droga u kien iġib il-flus għad-droga minn dan is-serq. Jgħid li kienu jilbsu ġakketta meta kienu jmorru jgħamlu dan is-serq. Mistoqsi jekk jikkonfermax li nhar id-19 ta' April 2016 għall-ħabta tal-5.10 pm minn Triq Gori Mancini, B'Kara kkommettewx serqa ta' ġiżirana minn fuq anzjana jgħid li hu żgur li le għaliex is-serq minnu sar kollu Ħal Qormi u l-Belt apparti waħda biss li saret B'Kara. Mistoqsi jekk ikkommettiex serqa nhar it-13 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tat-8.30 pm minn Triq San Frederiku, il-Belt, Valletta jgħid li iva. Dakinhar ġera ma' Kersten kif ukoll nhar is-27 ta' April 2016 għall-ħabta tad-9.00 pm minn ħdejn il-Knisja tal-Ġizwiti fi Triq il Merkanti, Valletta u dakinhar kien hu li ġibed il-ġiżirana.

Nhar it-8 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tal-16.50 pm minn Triq Santu Rokku, Qormi, ikkometta serq ta' ġiżirana li kellha tlett pendenti bl-istess mod u kienu t-tnejn flimkien. Il-vittma offendiethom u telqu jiġru. Nhar it-12 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tal-17.45 pm ġewwa Triq il-Vittorja, Qormi, ikkommettew serqa oħra ta' ġiżirana u pendenti bl-istess mod u jgħid li kienu huma li serquha iżda tilfuha għax waqatlu. Nhar il-21 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tal-16.30 minn ġewwa Triq il-Kardinal Sciberras, Qormi, ikkommetta serqa oħra ta' ġiżirana u pendent bl-istess mod. Jgħid li ma jiftakarx jekk kienx hu iżda jaħseb li seta' kien hu. Nhar l-10 ta' Mejju 2016 għall-ħabta

tal-17.15 minn ġewwa Vjal De La Cruz, Qormi, ikkommetta serqa oħra ta' ġiżirana u pendent bl-istess mod. Nhar l-20 ta' April 2016 għall-ħabta tas-19.00 pm ħdejn l-istatwa ta' San Ġorg, minn Triq il-Ħelsien, Qormi kkommettew serqa oħra ta' ġiżirana u pendent bl-istess mod. Jgħid li wieħed minnhom kien qagħad mal-kantuniera. Nhar it-13 ta' Marzu, 2016 għall-ħabta tat-13.50 pm minn ġewwa Triq San Bastjan, Qormi, ikkommettew serqa ta' ġiżirana li kien fiha ċurkett imdendel magħha minn fuq mara anzjana bl-istess mod. Jgħid li ma kienx hu iżda setgħa kien Kersten. Jgħid li ma kienx jafdah għax kien jaħbilu. Jgħid li mhux dejjem kienu jaqsmu l-qligħ bin-nofs. Meta kien jiġbed hu (Kersten) kien jieħu l-iktar u meta kien jiġbed hu (Keith) kien itih nofshom. Nhar il-25 ta' April 2016 għall-ħabta tal-111.20 minn ġewwa Triq San Bastjan, Qormi, ikkommettew serq ta' ġiżirana li kien fiha ċurkett imdendel magħha minn fuq mara anzjana bl-istess mod. Mistoqsi jekk jiddispjaċih jgħid li iva.

Nhar is-6 ta' Mejju 2019 xehed viva voce u qal li fil-15 ta' Ġunju 2016 kien ingħata sentenza ta' priġunerija u meta xehed kien ġja skontaha. Din kienet sentenza fuq snatch and grab. Huwa ppreżenta s-sentenza li ġiet markata bħala dok JGA. Fiha kien instab ħati ta' diversi serqiet li kien ikkommetta ma' persuna oħra. Jgħid pero' li kien jagħmel dan is-serq waħdu minkejja li kien ammetta li kien għamel dan is-serq ma' ħaddiehor. Jgħid li kien ġie muri ritratt ta' Kersten u kien ammetta li kien ikun miegħu u li hu magħruf bħala ta' Kalalu. L-Ispettur kien staqsih jekk kienx qed iħossu tajjeb u wieġeb fl-affermattiv. Jgħid li vera kien involut fis-serq li sar ġewwa l-Belt Valletta, B'Kara u Ħal Qormi. Qal li nesa kif kienu jagħmlu. Qal li dakinhar meta rrilaxja l-istqarrija kien sick u ried il-methadone u l-Ispettur ma ħadux fil-klinika biex joħodha minkejja li kien talabha. Dakinhar kien ġie dikjarat xhud ostili mill-prosekuzzjoni.

Nhar is-17 ta' Ġunju, 2019 xehdet **Dr. Marisa Cassar** u qalet li kienet ħadet kampjun orali ta' Kersten Camilleri u kienet ġabret ġakketta KAI49/2018. Mill-ġakketta nħareġ profil ġenetiku parzjali imma li ma fihx informazzjoni biżżejjed biex jiġi konfermat li

hi ta' Kersten Camilleri. Hija rritornat il-ġakketta u l-fdal tal-iswab. Ir-rapport tagħha ġie markat bħala dok MC.[5]

**Kesten Camilleri** ma xehedx kif kellu kull dritt iżda kien irrilaxja stqarrija nhar it-28 ta' Ġunju, 2016[6] jiċħad li kien involut f'xi serq fl-inħawi tal-Belt Valletta, B'Kara, Ħal Qormi u Ħamrun u jgħid li ma kien involut fl-ebda tip ta' serq tul is-sena 2016. Jiċħad ukoll f'dak li ġie allegat fil-konfront tiegħu li kien jippjana xi serqiet jew li kien jiġi mwassal lejn xi destinazzjoni minn terza persuna sabiex jagħmel is-serqa. Mistoqsi jekk jafx lil Keith Micallef jgħid li jafu għaliex huwa mill-Belt bħalu u kienu jkunu flimkien meta kienu tfal. Jgħid li ġieli jiltaqa' miegħu Putirjal. Jiċħad pero' li kien imur miegħu biex ibiegħ id-deheb. Muri r-ritratt KC 1 meħud minn CCTV jgħid li ma hux qed jagħraf lilu nnifsu u lanqas fir-ritratt KC 2 ma jagħraf lilu nnifsu. Dwar it-tielet ritratt KC 3 fejn jingħad li hemm tpinġija bħal tiegħu jgħid li ma jistax jagħraf il-persuna għaliex mhux ċar. Jgħid li ġieli mar ma' Brian 'il barra mill-Belt kemm bil-karozza Toyota blu ta' kuġintu Claire Pulis kif ukoll bil-mixi u kemm b'tal-linja.

Mistoqsi jekk jagħrafx in-*number plate* u cioe' numru IBF 539 jgħid li ma jafx in-numru tal-vettura tagħha. Muri r-ritratt KC 4 li huwa meħud waqt is-serqa ta' Ħal Qormi nhar il-25 ta' Mejju 2016 u KC 5 li huwa waqt is-serqa mill-Mosta nhar is-27 ta' Mejju 2016 jgħid li ma jidhirx fihom u ma jafx minn huma l-persuni hemm indikati. Fir-ritratt KC 6 jgħid li hemm hu flimkien ma' kuġintu meħud minn fuq il-Facebook. Muri ġakketta blu u mistoqsi jekk hix l-istess ġakketta li kien liebes fir-ritratt ma' Claire jgħid li hija eżatt bħal tiegħu pero' ma jafx jekk hix tiegħu jew le. Muri ritratt KC 7 waqt is-serqa tat-28 ta' April għall-habta ta' 12.10 minn Triq Duka ta' Edinburgh. Ħamrun, jgħid li mhux ċar ma jagħrafx lilu nnifsu. Ma jiftakarx li għamel dik is-serqa. Jiċħad dak li ġie allegat fil-konfront tiegħu li Keith Micallef qal li dak bil-ġakketta skura huwa hu waqt li dak bil-ġakketta huwa hu (Camilleri).

Mistoqsi jekk kienx hu li kkommetta s-serqa ta' żewġ ġiżirajjen minn fuq mara anzjana nhar it-28 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tat-20.50 minn ġewwa Trejqet Sant'Anna,

---

[5] Fol. 516 tal-atti.
[6] Fol. 75 dok JG 25

Ħamrun, u appena ħataf il-ġiżirajjen neża l-ġakketta u ħallieha fi Triq Sant'Anna u li hija l-istess ġakketta li ġiet murija lilu l-uffiċċju jgħid li ma kienx hu minkejja li Keith jgħid lill-pulizija li kien miegħu waqt din is-serqa. Muri r-ritratt KC 8 fejn tidher persuna b'tattoo fuq l-id il-leminija bħalu, ismar bħalu bl-istess statura tiegħu li kien qed jagħmel is-serqa tad-29 ta' Mejju 2016 minn Triq Santu Rokku, Qormi, jgħid li ma hux hu. Lanqas ma għaraf lilu nnifsu fir-ritratti markati bħala dok KC 9, KC 10 u KC 11 meħuda waqt is-serqa tat-3 ta' Novembru, 2016 minn ġewwa Ħal Qormi, jgħid li ma jagħrafx lilu nnifsu.

Jiċħad ukoll li kkommetta s-serqa li seħħet nhar id-19 ta' April 2016 għall-ħabta tal-17.10 minn Triq Gori Mancini, B'Kara minn fuq anzjana u lanqas is-serqa li saret nhar it-13 ta Mejju 2016 għall-ħabta tat-20.30 pm minn Triq San Frederico, Valletta. Lanqas dwar is-serqa li saret nhar is-27 ta' April 2017 għall-ħabta tas-21.00 minn ħdejn il-Knisja tal-Ġizwiti fi Triq il Merkanti, Valletta.

L-appellat ġie mistoqsi dwar serqiet simili li seħħew fi ġranet oħra u fl-istess akwati iżda ċaħad li f'xi ħin ipparteċipa fihom. Jgħid li hu qatt ma kellu deheb. Mistoqsi jekk jaħdimx jgħid li iva iżda rrifjuta li jsemmi l-post tax-xogħol tiegħu. Jgħid li għandu vizzju iżda ma jgħidx x'inhu dan il-vizzju. Mistoqsi kif imantni dan il-vizzju jgħid li ma jixtieqx jikkummenta fuqu. Mistoqsi jekk jiddispjaċihx għal dak li għamel iwieġeb li ma jixtieqx iwieġeb fuq dawn l-affarijiet.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk, iżda, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti,

fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni.[7]

Ili f'dan il-każ jirriżulta bla tlaqliq li kienu saru numru ta' serqiet bl-istess modalita' fl-inħawi tal-Belt Valletta, Ħal Qormi, Ħamrun u B'Kara fejn f'numru ta' okkażjonijiet kien ikun hemm żewġt irġiel li kienu jaggredixxu anzjani u jisirqulhom il-ġiżirajjen li kien ikollhom imdendlin ma' għonqhom. F'numru ta' każijiet irriżulta wkoll bla tlaqliq li l-vittmi nisa anzjani kienu anke sofrew xi ġrieħi fuq il-persuna tagħhom kif iċċerifikat minn tobba. Illi pero' minkejja n-numru kbir ta' każijiet ħadd mill-vittmi ma għaraf lill-aggressur tiegħu minn wiċċu. Jirriżulta biss li kien hemm ċertu vittmi li taw deskrizzjoni tal-aggressur liema deskrizzjoni kienet waħda fqira u fil-parti l-kbira jgħidu li l-aggressuri kienu somor. Kienet mara waħda biss li qalet li l-aggressur tagħha kellu tatwaġġ forma ta' salib fuq għonqu. Kien hemm żewġ anzjani li qalu li l-aggressur kien neħħa l-ġakketta ta' kulur blu u ħallieha fit-triq tal-Ħamrun flimkien mal-karkur *flip flop* li ġew miġbura mill-pulizija u mgħoddija għand Dr. Marisa Cassar sabiex isir it-test tad-DNA fuq il-ġakketta liema test sar u ta riżultat inkonklussiv fir-rigward l-akkużat appellat.

Jirriżulta li l-prosekuzzjoni qegħda ssostni u tibni l-każ tagħha fuq provi indiretti li jorbtu lill-appellat mar-reati addebitati fil-konfront tiegħu. Dwar provi indiretti din il-Qorti tgħid is-segwenti.

---

[7] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib,** 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v.** Paul Hili, 19 ta' Ġunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa,** 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**; 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri**: Il-Pulizija v. Andrew George Stone,** 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Issa li ġew ikkunsidrati l-provi u senjatament dawk indizzjarja, imiss li ssir referenza għat-tagħlim ġurisprudenzjali dwar il-forza probatorja ta' dawn it-tip ta' provi.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eleno sive Lino Bezzina**[8] ġie deċiż:

> *Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza "**Pulizija vs Bugeja**", tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.*
>
> *Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.*

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Peter Ebejer** deċiża fil-5 ta' Diċembru, 1997 qalet illi: -

> *Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens ieghu, ikun moralment*

[8] Per Onor. Imħallef Raymond C. Pace, Onor. Imħallef David Scicluna u Onor. Imħallef Joseph R. Micallef; Deċiża 24 ta' April, 2003, Att ta'Akkuża Numru 10/1994

*konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "**Miller v. Minister of Pensions** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt;*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice[9]"*

Fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Lela Ristic**[10], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet eżami *funditus* dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif aħjar magħrufa *'circumstantial evidence'*:

Il-posizjoni legali hawn Malta relativa ghal prov iindizzjajri li jwasslu għal conviction ġiet analizata f'diversi sentenzi inkluż **Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et**[11] deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn il-prinċipji ġew sotto lineati kif mistqarr: -

*Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex jaghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.*

---

9 *[1974] 2 All E.R. 372* Fol 373-374

10 Per Onor. Maġistrat Aaron M. Bugeja; Deċiża 16 ta' Diċembru, 2015

11 Per Onor. Maġistrat Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 19.05.2014**; Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad**

*Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

*Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg**', **fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.***

*Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li **kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih** u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra **kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu**.*

*Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**', "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

*Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.*

**Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice**[12] b'referenza għal dak li qal **Lord Normand** fil-każ **<u>Teper vs R</u>** [13] jgħid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eyewitnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence.*
>
> *It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."*
>
> *Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>****.*
>
> *Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja.....*
>
> …
>
> *Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-*

[12] 1997 edition para 10-3
[13] 1952

*(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another);*

*(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;*

*(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other coexisting circumstance which would weaken or destroy the inference);*

*(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence;*

*(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.*

*Now in this case the clear evidence that shows the accused rummaging among the personal property of the Zammit family is taken from an incident that took place on the 20th June 2014 and not the 23rd May 2014. Can this piece of evidence lead to a presumption of fact in the sense that once the accused was seen rummaging on the 20th June 2014 then it was automatically and solely she who did the same and stole the €2000 on the 23rd May 2014? According to law, it is possible for a presumption of fact to arise from circumstantial evidence. According to* ***Blackstone's Criminal Practice***[14]*, Lord Simon in* ***DPP v Kilbourne***[15] *stated the following : -*

*The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'*

[14] 2013, F1.18 to F1.27

[15] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.

*Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities*[16]

Mill-banda oħra, skond l-Onorabbi Imħallef Joseph Galea Debono fil-kawża **Il-Pulizija vs James Abela**,[17] *a presumption of fact* :-

> *tqum fejn meta il- "fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti.*
>
> ….

Issir referenza wkoll għas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Attard**[18]

> *Fi kliem **Sir Rupert Cross,** 'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstantial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*
>
> *U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: 'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence,*

---

[16] Ara wkoll Exall (1866) 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.
[17] Qorti tal-Appell Kriminali; Deċiża 11 ta' Lulju, 2002
[18] Qorti tal-Appell Kriminali; Per Onor. Imallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deċiża 22 ta' Settembru, 2016; Appell Nru: 127/2016

*and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.' [**Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda** App Krim – 24/04/2002]."*

*Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u li allura dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi jistabbilxxu l-presunzjoni ta' fatt li kien l-appellanti u hadd iktar qieghed isuq vettura taht l-influwenza tax-xorb, liema provi qatt ma gew kontradetti minnu.*

Imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**[19] iddeċidiet:-

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda **assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda** ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, **irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha**, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [sottolinejar tal-Qorti]*

---

[19] Vide wkoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imħallef Joseph A. Herrera u Onor. Imħallef Carmel A. Agius, Ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada; Deċiża 15 ta' Mejju, 1990:

L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwillità għall-aħħar jaslu għall-konklużjoni la ma jemmnu dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment għall-ħtija tiegħu. L-indizzji, biex jagħmlu prova, jeħtieġ li jkunu univoċi.

Fid-dawl tal-ġurisprudenza enunċjata, il-Qorti trid tara jekk mir-riżultanzi proċesswali hemmx provi indizzjarji li huma univoċi tant li jwasslu lil din il-Qorti għal dik iċ-ċertezza morali li l-appellat, u l-appellat biss, kien responsabbli għad-diversi serqiet ta' ġiżirajjen kif addebitat lilu. Illi pero' qabel ma tifli l-provi akkwiżiti trid tara x'inhi l-pożizzjoni tax-xhieda ta' Keith Micallef fil-konfront tal-appellat odjern stante li dan huwa kompliċi minkejja li ma kienx ko-akkużat. Għalhekk trid tara jekk tali xhieda ta' xhud ostili hix biżżejjed biex torbot lill-appellat għas-sejbien tal-ħtija.

Illi l-pożizzjoni korretta hija li jgħidu x'jgħidu ko-imputati jew ko-akkużati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bħala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkużat/i ieħor jew oħrajn. Din ir-regola ġiet saħansitra interpretata u estiża mill-ġurisprudenza biex anki tkopri każijiet fejn persuni li jkunu akkużati bl-istess reat imma fi proċeduri separati lanqas ma jkunu produċibbli kontra xulxin, ħlief meta l-proċess tax-xhud ikun ġie deċiż definittivament. Hu biss hawn li mbagħad tiskatta r-regola proċedurali kontenuta fl-Artikolu 639(3) li d-depożizzjoni tal-kompliċi weħidha ma tkunx biżżejjed jekk ma tkunx korroborata b'ċirkostanzi oħra.

Hekk di fatti kien ġie ritenut mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-22 ta' Diċembru, 1998 fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**. Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza hemm ċitata, irriteniet li persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra dak l-akkużat l-ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż u li dan il-prinċipju japplika sija jekk dik il-persuna tkun ġiet akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor – b'mod li jkun hemm "ko-akkużati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkużata fi proċeduri separati. Il-bażi ta' dan il-prinċipju hu l-argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddeċidiet li dak ix-xhud li kien akkużat bħala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkużat kien jinsab akkużat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-każ tiegħu jgħaddi in ġudikat. (Ara wkoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella**[20] u oħrajn). L-

[20] Deċiż nhar l-4 ta' Frar 2004

unika eċċezzjoni għal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-Artikolu 636(b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed għalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.

Illi riferenza għandha ssir ukoll għad-digriet imsemmi fid-deċiżjoni appena kwotata liema digriet ingħata fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**, fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> *"L-Avukat Generali mhux jopponi li jingiebu bhala xhieda in difesa Nicholas Jensen Testaferrata, Francis Tabone, Maria Mizzi, Janet Grima u Suor Doreen Cuschieri; izda hu qed jeccepixxi l-inammissibilita' f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioé sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan il-punt ghandu ragun. Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-47 principju hu l-argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,*
>
> *"[la quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioé, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita' della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l-interesse di scagionarsi e di incriminare altri" (**R. v. Carmelo Cutajar ed altri**[21]).*

[21] Deċiż nhar it-18 ta' Jannar 1927 Kollezz. Deċiz. XXVI.iv.758, 760

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-segwenti deċizjonijiet: **R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali**[22]; **P. v. Toni Pisani**[23]; **R. v. Karmnu Vella**[24]; **P. v. Alfred W. Luck et.**[25] u **Rep. v. Domenic Zammit et**[26], kif integrata bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31 ta' Lulju 1998.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, jirriżulta li Keith Micallef għandu jitqies bħala ko-imputat u stante l-każ fil-konfront tiegħu ġja ġie deċiż meta ġie inġunt biex jixhed għandu jtqies bħala xhud ammissibli iżda l-Qorti trid tara jekk ix-xhieda li ta hix korroborata minn xhieda jew provi indipendenti.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa il-provi kollha u dan sabiex tara jekk hemmx provi indizzjarji li jistgħu jorbtu lill-appellant mar-reati mogħtija mill-prosekuzzjoni jew addirittura ma uħud minnhom u dan anke in vista tal-fatt li din il-Qorti trid tara jekk ix-xhieda mogħtija minn Keith Micallef fir-rigward ta' l-appellant hiex korroborata minn xi prova indipendenti. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa u b'mod individwali kull okkorrenza li ġiet esebita u r-ritratti kollha esebita mill-Ispettur James Grech esebita fl-atti nhar it-3 ta' Awwissu 2016 immarkati bħala Dok JG17 sa JG 24. Dan għamlitu bil-għan biex tara jekk setgħetx torbot xi ritratti mal-appellant odjern u dan billi a sua sponte tara ix-xbiha tiegħu fl-awla u tikkomparah mar-ritratti esebita u b'hekk tkun tista tqisha bħala xi prova korroborattiva.

Illi l-Qorti tħoss li fid-dawl tal-provi miġbura u cioe tenendo kont li ħadd mill-allegati vittmi ma għaraf lill-appellant il-Qorti kellha tifli l-proċess biex tara jekk issibx xi prova oħra li tista torbot mal-appellant u titqies bħala xi prova korroborattiva.

Fir-rigward **tal-erbatax-il akkuza** l-appellant ġie akkużat talli seraq ġiżirana flimkien ma' persuna oħra u dan nhar il-15 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tat-8.15 p.m ġewwa Triq il-Karmnu, B'kara u dan minn fuq il-persuna ta' Concetta Cesare. Illi bi dispjaċir kbir din il-Qorti tinnota li l-prosekuzzjoni ma resqitx lil din Concetta Cesare tixhed biex

---

[22]App. Krim  deciz nhar l-14 ta' Novembru, ,1890, Kollezz. Deciz. XII.5311
[23] App. Krim.,deciz nhar l -11 ta' Novembru ,1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792
[24] App. Krim.,deciz nhar it-3 ta' Dicembru, 1947, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547
[25] App. Krim.,deciz nhar il-25 ta' April, 1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870
[26] App. Krim.,deciz nhar il-15 ta Dicembru 1997

tikkonferma li effettivament sfat vittma ta' serq u dan minkejja li fl-okkorenza esebita u immarkata bħala Dok JG 12 esebita a fol. 53 il-Pulizija kienu tkellmu magħha. Illi din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq tali xhieda una volta ma ġietx konfermata minnha f'dawn il-proċeduri. Illi bi dispjaċir kbir tgħid li mir-ritratti esebiti mill-prosekuzzjoni f'envolope kanella mmarkat bħala Dok JG 18 meħuda minn CCTV jidher il-persuna tal-appellant pero minħabba il-fatt li l-prosekuzzjoni ma resqitx lill-vittma tixhed l-Qorti ma setgħetx issib lill-appellant ħati ta' dan ir-reat.

Fir-rigward **tas-sittax il-akkuża** l-prosekuzzjoni qed takkuża lill-appellant li ikkommetta serq nhar il-25 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tat-2.45 gewwa Triq il-Ġdida Ħal Qormi flimkien ma' persuna oħra fuq il-persuna ta' Mary Galea u dan billi serqulha ġiżirana u pendent minn fuq persuntha, liema anjzana għalqet l-eta ta' sittin sena u liema serq hu aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' €2,329.37.

Illi huwa minnu li x-xhud Keith Micallef ġie dikjarat bħala xhud ostili meta telgħa jixhed il-Qorti nhar is-6 ta' Mejju 2019 (fol. 473) u dan minkejja li fl-istqarrija tiegħu ta' spejgazzjoni dettaljata ta' kif hu flimkien mal-appellant kienu jgħamlu diversi serqiet fuq anzjani. Għalhekk l-prosekuzzjoni ppreżentat l-istatement li kien ġie rilaxxjat minn minnu nhar l-14 ta' Ġunju 2016, liema stqarrija ġiet immarkata bħala Dok JG A 1 esebita a fol. 475. F'din l-istqarrija ma kien ssemma xejn dwar is-serqa li saret ġewwa Triq il-Ġdida Ħal Qormi fuq il-persuna ta' Mary Galea. Meta xehed viva voce il-Qorti Micallef ukoll ma ġiex mistoqsi fuq din is-serqa partikolari pero meta rrilaxja l-sitqarrija spejga kif kienu jgħamlu is-serq u cioe li wieħed minnhom kien imur javviċina l-anzjana minn wara u jiġbdilha il-ġiżirana li tkun libsa waqt li l-ieħor joqgħod għassa li ma jkunx hemm minn jgħarafhom.

Il-Qorti rat l-okkorenza relattiva għal din l-allegata serqa esebita fl-atti a fol.62 markata bhala dok JG1. Minn esami tal-istess jirrizulta li l-allegata vitma kienet Mary Galea u meta din ġiet mitkelma mill-pulizija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni stqarret li għall-ħabta tas-2. 00p.m ta' nhar il-25 ta' Mejju 2016 waqt li marret tiġbor lin-neputija tagħha mill-iskola primarja ta' San Bastjan u kienet għaddejja magħha fi triq il-Ġdida persuna maskili ġibdilha l-ġiżirana li kellha mdendla m'għonqa u ħarrab jiġri minn fuq il-post lejn il-Vittorja. Mistoqsija jekk setgħetx tgħati deskrizzjoni tal-malvivent tagħha tgħid

li ma setgħetx għaliex kien mar minn wara darha biex jiġbed il-ġiżirana. Ikkonfermat li l-ġiżirana kienet tad-deheb isfar u magħha imdendla kellha ċurket taż-żwieġ ta' żewġha u domna. Dakinhar il-pulizija u cioe PS1240 Joseph Camilleri kellem ukoll lil Josephine Spiteri fejn din ikkonfermat li kien hemm persuna li ħataf u ġibed il-ġiżirana li kellha is-sinjura Galea. Hija rnexxielha tiddeskrivi il-malvivent bħala persuna bil-karneġġjon bajdani u bi tpinġija ta' salib fuq għonqu, twil madwar sitt piedi u ta' statura irqiqa. Spjegat ukoll x'kien libes dakinhar u cioe flok abjad, '*hoodie*' ta' kulur blu u qalziet ta' kulur iswed u li wara ħarab minn fuq il-post billi rikeb karozza tal-għamla Toyota Corolla. Ta min jgħid li l-appellant jidher libes hoodie ta' kulur blu f'ritratti oħra esebita mill-prosekuzzjoni in konnesjoni ma serqiet oħra.

Rat l-istills konnessi ma' dan l-allegat reat, esebiti fl-atti u mmarkati bħala dok JG 19 u f'ritratt partikolari jidher persuna qed tiġri lejn karozza li kienet wieqfa f'kanuniera. Din il-persuna pero ma hiex identifikabbli u *di piu* jirriżulta li dawn ir-ritratti għandhom id-data 20 ta' Mejju 2017 bil-ħin 05.10.29 u għalhekk m'għandhomx x'jaqsmu mal-akkuża in desamina u ma jistgħux jintużaw bġala xi prova korroborattiva.

Maria Galea u Josephine Spiteri it-tnejn xehdu l-Qorti u kkonfermaw dik ix-xhieda mogħtija minnhom lill-Pulizija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni. Josephine Spiteri reġgħet ikkonfermat li l-malvivent ta' Maria Galea kellu tattoo ta' salib fuq għonqu wara widnejh.

Keith Cutajar nominat mill-Qorti xehed u ppreżenta ir-realazzjoni tiegħu u kkonferma li huwa ġibed xi ritratti tal-appellant u seta jikkonferma li l-appellant għandu tattoo fi forma ta' salib wara għonqu.

Il-Qorti *a sua marte* setgħet tikkonferma li l-istatura tal-appellant hija waħda irqiqa u ta' karnaġġjon bajdani kif deskritt mix-xhud Josephine Spiteri. Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi esaminati fid-dawl ta' dak li stqarr Keith Micallef u cioe li l-appellant kien ikun miegħu jagħmel dawn is-serqiet fuq in-nisa anzjani din il-Qorti hija tal-fehma li kien l-appellant li kkommetta din is-serqa. Jirriżulta anke minn dak li stqarr Keith Micallef li l-*modus operandi* tas-serqiet huwa proprju dak li għaddiet minnu Mary Galea u cioe li waqt li kienet mixja l-malvivent mar minn wara darha ġibed il-katina u

telaq jiġri biha.  Jirriżulta mill-okkorenza li Mary Galea twildet nhar id-9 ta' Awwissu 1949 u għalhekk fil-jum tas-serqa hija kellha sebgħa u sittin sena (67).

Dar il-valur ta' din il-ġiżirana l-Qorti trid tistrieh fuq il-valur mogħti mill-istess vittma lema xhieda tagħha ma ġietx kontradetta mill-appellant u lanqas ikkontestata minnu. Mary Galea tgħid li kienet xtrat il-ġiżirana għal valur ta' LM90 u ma kellhiex il-valur tad-domna ta' Padre Pio u lanqas taċ-ċurkett tar-raġel. Għalhekk din il-Qorti tista' tikkonkludi li l-valur tas-serqa verament ma kienitx kienet in eċċess tas-somma ta' €2,329.37 kif allegat il-prosekuzzjoni fl-att tal-akkuża tagħha. Iżda tikkonkludi li kien in eċċess ta' €232.94.

Fir-rigward it-**tmintax-il akkuża** l-appellant ġie akkużat talli seraq ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Dolores Mallia u dan nhar it-3 ta' Novembru 2015 għall-ħabta tan-12.30 p.m minn Ħal Qormi. Il-Qorti eżaminat l-okkorenza relattiva esebita a fol. 71 ta 'l-atti mmarkata bħala dok JG16 redatt min PS 362 Wayne Rodney Borg. Skond dan ir-rapport il-vittma kienet Josephine Magri u mhux Maria Dolores Mallia. *Di piu* meta ġiet imħarrka din Josephine Magri u xehdet il-Qorti stqarret li l-ġiżirana li serqilha il-malvivent ma kienitx tad-deheb.  Illi l-Qorti rat li f'dan il-każ din l-akkuża qatt ma tista tirriżulta stante li l-vittma imsemmi fl-akkuża ma hiex l-persuna li ġiet derubata. Huwa diżappuntanti għal Qorti li tara l-prosekuzzjoni tieħu żbalji serji bħal dawn meta fl-atti ġew preżentati *stills* meħuda minn CCTV tal-ekwati li jindikaw l-appellat odjern. Pero f'dawn iċ-ċirkostanzi u cioe li ġie identifikat vittma żbaljat il-Qorti ma setgħetx tieħu konjizzjoni tagħhom.

Fil-wieħed u għoxrin akkuża l-appellant ġie akkużat li kkommetta delitt li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin liema sentenza ingħatat lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali  nhar l-1 ta' Marzu, 2012 u estiża għal erba snin oħra mill-istess Qorti mill-Maġistrat A Mizzi  nhar it-8 ta' Novembru 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru, 2016 (fol. 145) fejn il-prosekuzzjoni esebita is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Novembru 2012 mogħtija mill-allura Magistrat Dr Antonio Mizzi fejn fiha l-appellant kien instab ħati talli kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza mogħtija nhar l-1 ta' Marzu 2012, fejn il-Qorti kienet estendiet il-perijodu ta' sospensjoni għal erba (4) snin oħra mid-data ta' dik l-istess sentenza ai termini tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta . Il-Qorti rat li l-akkuża numru sittax u cioe is-serqa li seħħet nhar il-25 ta' Mejju 2016 li tagħha qed jinstab ħati l-appellant saret waqt is-sentenza operattiva ta' din l-istess sentenza u għalhekk din l-akkuża (21) tirriżulta ukoll. Rat li din is-sentenza tikkonċerna reat ta' serq fejn l-appellant kien saħansitra anke irreġistra ammissjoni u għalhekk l-appellant għandu jiġi trattat bħala recidiv ai termini tal-artikolu 289 tal-kodiċi Kriminali.

Għalhekk din il-Qorti qeda tilqa l-appell tal-Avukat Ġenerali *in parte* billi filwaqt li qeda tikkonfermaha fir-rigward tal-akkużi numri 1 sa numru 15 u numru 17 sa 20 u għalhekk qeda ukoll tiddikajra li ma hiex qed issibu ħati tagħhom qeda tirrevokaha fir-rigward tal-akkużi numru 16, 21 u 22 ta' liema akkużi qed issibu ħati tagħhom b'dan illi qed issibu ħati tar-reat ta' serq aggravat f'ammont li ma jiskorrix €2329.37 u talli huwa reċidiv. Il-Qorti qeda ai fini tal-akkuża 16 u 22 tikkundannah piena ta' tlett snin priġunerija effettiva. Oltre dan qeda tordna li s-sentenza ta' priġunerija ta' sentejn sospiza għal erbgħa snin mogħtija nhar it-8 ta' Novembru, 2012 sabiex b'hekk l-appellant għandu jagħmel ħames (5) snin priġunerija effettiva.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor. Imhallef**